# L-GHASFU[illegible]

## u l-ambjent



UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

3

MOS

# L-GĦASFUR
## u l-ambjent naturali

SAJF 1983 NUMRU 3

IS-SOĊJETA ORNITOLOĠIKA - M O S, P.O. BOX 498, VALLETTA
PUBBLIKAZZJONI GĦAŻ - ŻGĦAŻAGĦ


## F'DIN IL-ĦARĠA


3 L-Istruttura ta' l-Għasfur
*(minn Victor Falzon)*
7 Il-Munzelli tar-Ramel
*(minn Saviour Balzan)*
10 Psiepes, Diżżijiet u Bilbluni
*(minn Charles Gauci)*
13 Il-Bies
*(minn Michael Grima)*
15 Ix-Xaħmet
*(minn Guido Bonett)*



*BORD EDITORJALI*
*Editur:* Alfred E Baldacchino
*Membri:* Saviour Balzan
Guido Bonett
Michael Grima
*Typesetting u Artwork:*
Alfred E Baldacchino



*Mitbugħ: Union Press*


RITRATT TAL-FAĊĊATA
Pitirross (Robin)
*(ritratt: Charles Galea)*
RITRATT TA' WARA
Xaħmet (Ocellated Skink)
*(ritratt: Guido Bonett)*



## MENTALITA' LI HEMM BŻONN TINBIDEL

Fil-faċċata ta' din il-ħarġa jidher Pitirross; Pitirross li bħal ħafna Pitirrossi oħra għażel li jqatta' x-xitwa magħna, biex kif tersaq ir-rebbiegħa jerħila lejn l-Ewropa fejn hemm isib sieħba u flimkien jibnu bejta.

Iżda, sfortunatament, minħabba mentalita' negattiva u qerrieda li teżisti f'pajjiżna, mhux kull pitirross li jżurna jirnexxilu jerġa' lura biex igħin fil-ħolqien ta' pitirrossi oħra. Għalkemm il-Pitirross hu mħares bil-liġi u ma jistax jinqabad, uħud minn dawn il-pitirrossi li jżuruna matul il-passa, jispiċċaw maqbuda u maqfula f'gaġeg fejn imutu wara ftit jiem, u dawk il-waħdiet li jirnexxilhom igħixu mjassra ġol-gaġġa, jiġu mċaħħda li jbejtu u li jkollhom il-frieħ sena wara l-oħra.

Iva, minħabba mentalita' li teżisti f'pajjiżna, mentalita' li tapprova u tħajjar il-qerda ta' l-agħsafar, il-qerda tal-pitirrossi fix-xhur tax-xitwa sseħħ sena wara l-oħra. Hekk kienu jaħsbu fl-antik li biex wieħed japprezza l-agħsafar irid bilfors jew jaqbadhom jew joqtolhom. Iżda, din il-mentalita' jeħtieq li neqirduha darba għall dejjem.

Wara li l-pitirrossi jiġu, bħal ħafna għasafar oħra, biex iferrħuna bil-għana u bil-lwien tagħhom, hi responsabilta' tagħna lkoll li nħalluhom jittarju ħielsa u nħarsuhom. Il-mentalita' qerried u negattiva hemm bżonn tinbidel.

Alfred E Baldacchino
Editur.


ADDING
TO THE FUN OF
SHARING
KINNIE
NON ALCOHOLIC • BITTER-SWEET
KINNIE - always first for thirst




Forget about the hustles associated with travel. At Travelcare we will look after your every need. Our services include: world-wide air transportation, package tours to Europe, sea and rail tickets, hotel/apartment accommodation, sight- seeing tours, and harbour cruises. Also insurance, including personal accident, medical expenses and luggage.

For all your travel requirements contact:

Travelcare Limited, 26, Old Bakery Street Valletta.

**Tel: 605874. 24820**

***Your satisfaction is our aim.***

# L-ISTRUTTURA TA' L-GĦASFUR

*minn Victor Falzon*

Il-familja ta' l-agħsafar evolviet mir-rettili proprju kif, skond it-teorija ta' l-evoluzzjoni, evolviet il-familja tal-mammiferi, li tagħha l-bniedem huwa speċi waħda. Interessanti tosserva kemm huma differenti l-agħsafar mill-mammiferi, għalkemm ħarġu minn origini waħda. Il-mammiferi evolvew f'diversita' kbira. Hekk ukoll l-agħsafar: imma fid-diversita' tagħhom, hemm karatteristika waħda li qatt ma tilfuha, u hija dik li tgħaqqadhom ilkoll flimkien — ir-rix.




IR-RIX
Huwa propju permezz tar-rix li din il-klassi tant irnexxiet. Kull rixa hija miraklu ta' l-evoluzzjoni. Evolviet mill-iskwam (**scale**) tar-rettili, u taqdi lill-għasfur mhux biss fit-titjir imma sservi ta' insulatur, għax għalkemm hija ħafifa mmens, il-mod ta' kif inhi mikroskopikament magħquda tilqa' ħafna kontra l-kesħa (mhux ta' b'xejn l-aqwa kutri li qatt għamel il-bniedem huma magħmula minn **eiderdown**, li huwa rix minn sider ta' speċi ta' borka msejħa **eider**).

Fil-biċċa l-kbira ta' l-ispeċi, insibu li l-għasfur huwa miksi kollu kemm hu bir-rix, minbarra s-saqajn (u f'xi speċi, bħall-ħawwief, is-saqajn ukoll huma miksija). In-numru ta' rix ivarja skond id-daqs: għasfur id-daqs ta' Għammiel għandu madwar 3500 rixa, filwaqt li ċinju (**swan**) jaf ikollu mal 24000. Il-biċċa l-kbira ta' dan ir-rix iservi biex iżomm is-sħana (f'temperatura kostanti ta' madwar 50°C). Imma mbagħad l-għasfur għandu r-rix magħmul għat-titjir, u dan jinstab fil-gwienaħ.







Ir-rix tat-titjir, jew aħjar il-pinen, naqsmuhom fi primarji, sekondarji u terzjali. In-numru tagħhom ivarja skond il-kobor jew l-għamla tal-ġewnaħ. Fl-agħsafar iż-żgħar issib għaxar primarji, ġeneralment 6 sekondarji u 3 terzjali. Hemm wkoll dak li nsejħulu l-ġewnaħ pastard, li jikkonsisti f'xi 2 jew 3 pinen żgħar fil-kisra tal-ġewnaħ, u li minn taħthom tgħaddi l-arja għal fuq il-pinen l-oħra waqt it-titjir. Id-denb ukoll għandu x'jaqsam mat-titjir, għax fejn il-ġewnaħ huwa l-magna, li taqdef u timbotta l-arja 'l isfel u lura, id-denb jikkonsisti fil-biċċa l-kbira f'minn 8 sa 12-il pinna, igħin bħala steering u brake.



## L-GĦADAM U L-MUSKOLI

Il-pinen tal-ġwienaħ huma dawk li bihom itir l-għasfur u tista' tgħid li l-għamla ta' l-għasfur kemm esterna kif ukoll interna, evolviet b'għan ftit jew wisq wieħed, jiġifieri dak tat-titjir. Naturalment għall-aktar titjir faċli, huwa essenzjali li l-għasfur ikun ħafif. Għalhekk l-għasfur evolva għadam li huwa vojt minn ġewwa, għalkemm xorta waħda b'saħħtu, peress li l-istruttura ġewwiena ta' l-għadam hija qisha qafas, għax hemm sensiela ta' għadmiet irqaq li jgħaqqdu l-ġnub interni ta' l-għadam flimkien.

Fl-iskeletru ta' l-għasfur hemm għadma speċjali, li tinstab fuq quddiem u tgħaqqad il-qafas tal-kustilji. Fl-għasfur din l-għadma żviluppat ħafna u ħadet forma ta' prim ta' dgħajsa. Ir-raġuni hija li din l-għadma hija l-ankra ta' l-aktar muskolu



b'saħħtu ta' l-għasfur, jiġifieri dak tat-titjir. F'gamiema, li hija għasfur ta' stamina kbira fit-titjir, dan il-muskolu jaf jilħaq it-terz tal-piż kollu ta' l-għasfur.

Barra minn hekk l-għasfur għandu boroż ta' arja mxerrdin ma' ġismu kollu, li barra milli jservu fil-process biex jieħu n-nifs, huma ta' vantaġġ għal dik li hija ħeffa ġenerali ta' l-għasfur.

IL-MUNQAR




*1 - Russett Aħmar*
*2 - Bies*
*3 - Verdun*
*4 - Xifa*

Bħar-rix, il-munqar huwa organu partikulari għall-klassi *AVES* (jiġifieri għasafar) u żviluppa bħala organu b'saħħtu, effiċjenti u fl-istess ħin ħafif. Il-munqar evolva f'ħafna forom diversi li ħafna drabi jagħtuna indikazzjoni dwar x'tip ta' ikel jiekol l-għasfur. L-irsieset għandhom munqar qisu sejf biex iniffed il-ħut jew żringijiet li jaqbad mill-ilma; it-tajr tal-priża għandhom munqar f'għamla ta' ganċ u milwi 'l isfel biex igħinhom iqattgħu l-laħam tal-priża; munqar qasir u oħxon bħal ta' ħafna għasafar ta' l-għana, fosthom il-verdun, huwa essenzjali biex jifqgħu ż-żrieragħ li jfornu d-dieta tagħhom.

Barra milli jservi ta' furketta w sikkina, biex ngħidu hekk, il-munqar iservi f'attivitajiet oħra ta' kuljum: biex jirranġa r-rix li jkun tħarbat; biex jinġarr materjal għall-bejta, kif ukoll il-bini stess tal-bejta, li ħafna drabi jkun xogħol elaborat ħafna; u xi minn daqqiet jintuża wkoll bħala strument ta' difiża.

IS-SAQAJN

Is-saqajn ta' l-agħsafar, l-istess bħall-munqar, evolvew f'ħafna forom diversi u għalkemm ta' xi wħud jidhru grotteski għall-aħħar, dejjem ikun hemm raġuni għaliex ikunu żviluppaw hekk. Dawn ukoll jagħtuna ħjiel dwar l-għasfur stess: dwar l-imġieba tiegħu, x'tip ta' ambjent iħobb: saqajn twal u rqaq, bħal tal-Fras-servjent, ifisser li l-għasfur iħobb jiffrekwenta nħawi fejn hemm l-ilma; saqajn bi dwiefer kbar, twal u milwijin 'l isfel, bhal fit-tajr tal-priża, huma idejali biex jaħfnu l-vittma




*1 - Ajkla*
*2 - Bekkafik*
*3 - Fras-servjent*
*4 - Borka*

f'morsa li taf tqattagħlhom imsarinhom. Ġeneralment is-sieq ta' l-għasfur tkun miksija bl-iskwam bħal tar-rettili, u fil-biċċa l-kbira ta' l-agħsafar il-parti prominenti tas-sieq tibda minn ftit 'il fuq mill-egħkiesi, sal-ponta tas-swaba'. Il-parti ta' fuq tas-sieq, jiġifieri l-irkobba u l-koxxa ngħaqdu biż-żmien mal-bqija tal-ġisem u saru ftit jew wisq parti mill-istruttura nterna ta' l-għasfur.

Is-swaba', li ġeneralment huma erbgħa, magħmulin tlieta jippontaw 'il quddiem, u wieħed jipponta lura. F'xi agħsafar, speċjalment dawk li jiġru fl-art, dan ta' wara ċkien ħafna, bħal fil każ tas-summien, sabiex ma jtellifx fil-ġiri. Dawk ta' l-agħsafar tas-siġar, imma, żammew dak is-saba', billi huwa tant utili biex l-għasfur jaqbad maz-zkuk. Fir-rundun ir-raba' saba' resaq 'il quddiem u sar bħat-tlieta l-oħra, biex igħinuh aktar meta jiggranfa mal-ħitan vertikali ta' xi bini jew ma xi rdum. Fit-tajr tal-baħar żviluppat rita rqiqa ta' ġilda bejn is-swaba', biex is-sieq isservi ta' moqdief bil-palella fit-tarf. Dan huwa l-kaz fil-borok kollha.

L-għasfur juża saqajh mhux għall-mixi biss imma għal ħafna attivitajiet oħra, fosthom biex jirranġa r-rix, biex iħokk, biex jattakka u jiddefendi, kif ukoll f'xi każijiet biex iħaffer għall-ikel.

## L-GĦAJNEJN

L-għajn ta' l-għasfur hija fost l-iktar żviluppata qalb l-annimali l-oħra. Ir-raġuni hija li l-għasfur jiddependi ħafna fuqha. Peress li l-biċċa l-kbira ta' l-agħsafar itiru, għandhom bżonn par għajnejn ta' ċerta effiċjenza superjuri, dan għax waqt li, per eżempju, għasfur ikun qed itir bejn siġra w oħra b'ħeffa kbira, għajnejh iridu jkunu kapaċi jiffukaw u jirreġistraw il-perspettiva malajr u tajjeb ħafna, għax inkella l-għasfur faċilment jaħbat. Anke biex saħansitra jpoġġi fuq fergħa jew fl-art huwa u nieżel mill-ajru, l-għasfur irid jikkalkula d-distanża sa l-inqas ċentimetru, għax inkella jista' jieħu tisbita li tista' tkorriħ jew anke toqtlu.

Fl-għajn tal-bniedem hemm reġjun żgħir (**fovea**) fejn l-għajn hija sensittiva ħafna, u dak li jkun jara tajjab ħafna. L-agħsafarigħadduna f'dan għax l-ewwelnett għandhom żewġ reġjuni bħal din f'kull għajn. Barra minn hekk fil-**fovea** għandhom ċelluli sensittivi mill-inqas ħames darbiet iktar milli għandu l-bniedem.

Il-biċċa l-kbira ta' l-agħsafar għandhom għajnejhom fil-ġenb tar-ras, mhux bħal f'wiċċ il-bniedem. Dan inaqqsilhom il-kapaċita' li jaraw b'mod binokulari, jiġifieri li jħarsu lejn ħaġa biż-żewġ għajnejn. Imma mill-banda l-oħra bil-pożizzjoni ta' għajnejn fil-ġenb, għandhom jaraw medda akbar mill-firxa ta' madwarhom mingħajr ma jċaqalqu rashom. Xi tajr tal-priża, b'mod speċjali l-kokk, għandhom għajnejhom ftit jew wisq iħarsu 'l quddiem bħal tagħna — dan naturalment biex igħinhom jikkonċentraw aktar fuq il-priża li jkunu ser jattakkaw, kif ukoll biex ikejlu distanzi b'mod l-aktar preċiż.

## IL-WIDNEJN

L-agħsafar m'għandhomx widnejn esterni prominenti, bħalma għandhom il-mammiferi. Dak il-par troff fir-ras f'xi speċi ta' kokk m'huma xejn ħlief rix speċjali li jintuża waqt in-namur jew waqt xi konfront aggressiv. Il-proprja widna li teżiżti fl-agħsafar hija dik interna, u tispiċċa biss f'toqba żgħira wara kull għajn, li dejjem tista'tgħid mgħottija bir-rix (minbarra naturalment dawk l-agħsafar li għal xi raġuni jew oħra rashom hija nieqsa mir-rix, bħan-ngħama, u ħafna avultuni). Is-smigħ m'huwiex speċjali fl-agħsafar, peress li dawn tant jiddependu, kif rajna, mill-għajnejn. Eċċessjoni li tifimha malajr hija fil-kaz tal-kokk: dawn għandhom smigħ fin għall-aħħar, tant li kapaċi jsibu u jaqbdu priża mingħajr ma jarawha, imma sempliċiment issegwuha bis-smigħ.

## L-IMNIFSEJN

Għalkemm l-agħsafar kollha għandhom imnifsejn, ma tantx jużawhom għax-xamm, ħlief f'xi speċi ta' avultuni, li kapaċi jxommu xi biċċa skart mill-bogħod. L-imnifsejn jidhru bhala żewġ toqbiet, waħda fuq kull naħa tal-munqar ta' fuq, u huma żviluppati b'tali mod li l-għasfur jista' jiekol u jieħu n-nifs fl-istess ħin.

Meta wieħed jaħseb ftit fuq il-miraklu tan-natura li minn daqsxejn ta' bajda ifaqqas u jiżviluppa għasfur bl-istruttura li rajna, wieħed jistá malajr jifhem il-ħsara li jagħmel il-bniedem meta f'sekonda jeqred għasfur għal skopijiet egoistici tiegħu. □



SAVIOUR BALZAN

# IL-MUNZELLI TAR-RAMEL

*minn Saviour Balzan*

'L hinn mill kull bajja wieħed soltu jsib gzuz ta' ramel li jduru mad-dawra tal-bajja —munzelli tar-ramel li bl-Ingliż ngħidulhom **sand dunes**. Dawn jiffurmaw permezz tar-riħ li jiġbor ir-ramel ġo gzuz. La darba jinġabar, ċerti pjanti li jkunu kapaċi jikbru f'kundizzjonijiet diffiċli, jibdew jidhru fuq dawn il-munzelli tar-ramel.

*Ammophila arenaria*



RALPH CAMILLERI

L-ewwel pjanti li jikbru huma dawk l-iktar addattati għan-nuqqas ta' ilma u għar ramel jitharrek li jkunu hemm fuq dawn il-munzelli. Fost dawn il-pjanti nsibu l-KROMB IL-BAĦAR *Cakile maritima* u x-XEWK IR-RAMEL *Eryngium maritimum*. Iżda dawn il-pjanti jinqerdu faċilment minħabba il-maltemp li jkaxkar ir-ramel, kif ukoll isoffru minħabba t-tgħaffiġ tal-bniedem. Wara li l-pjanti pijunieri jaqbdu sewwa jibdew jidhru l-ħxejjex magħrufin bħala **grasses**. Dawn permezz tal-għeruq li jkollhom jkunu kapaċi jorbtu r-ramel flimkien. Waħda minn dawn il-pjanti hija *Ammophilia arenaria* li permezz ta' l-għeruq twal tagħha, ir-ramel jintrabat u jingħaqad ġo gzuz. Permezz ta' dawn il-pjanti r-ramel jista' jogħla sa' ħames metri. Dawn il-pjanti m'għandhomx bżonn ħafna ilma imma ma tantx jirnexxu fir-ramel li jtir mar-riħ. Meta dawn il-pjanti jmutu, jerggħu jinbtu pjanti oħra, u biż-żmien materjal mill-pjanti mejtin jinġabar u jiksi il-wiċċ tar-ramel, u mar-ramel jitħallat il-fdal ta' pjanti mejta. Iktar ma' jgħaddi żmien aktar ma naraw bidla fir-ramel u fl-aħħar niltaqgħu ma' l-aħħar tip ta' pjanti li jgħixu f'dawn il

il-munzelli tar-ramel. Dawn huma is-siġar tal-BRUK *Tamarix africana* li jirappreżentaw il-quċċata tal-komunita' botanika fis-**sand dunes**. Għalhekk naraw li dawn il il-pjanti għandhom tliett affarijiet li jaqblu ma xulxin: l-ewwel li jittolleraw il-melħ; it-tieni li kapaċi jikbru f'nixfa esaġerata u fl-aħħarnett, li jikbru f'postijiet fejn ir-ramel jbiddel postu sikwiet permezz tar-riħ



ALFRED E. BALDACCHINO

***Il-munzelli tar-ramel fil-bajja ta' Santa Marija, Kemmuna, bis-siġar tal-Bruk li jippreżentaw il-quċċata tal-komunita botanika.***

Fi Gżiritna l-ikbar bajja hi r-Ramla ta' Għawdex u hawn naraw il-bidla minn sempliċiment ramel għal munzelli tar-ramel bi pjanti u anki msaġar żgħar tal-Bruk. Iżda l-aħjar **sand dunes** jinstabu l-Għadira, il-Ġnejna, Għajn Tuffieħa u r-Ramla tat-Torri. Insibu ukoll postijiet fejn hemm msaġar żgħar tal-Bruk ħdejn il-baħar fosthom il-bajja ta' Santa Marija, Kemmuna.

Dawn il-munzelli tar-ramel joffru ħajja oħra interessanti u wieħed jistagħġeb bil-varjeta' ta' speċi li jgħixu fir-ramel. F'toqob zgħar fir-ramel jgħix speċi ta' werżieq (Orthoptera) li jidher biss wara l-għabex. Hemm ukoll il-bebbux żgħir *Cochicella conoidea* li meta jmut iħalli l-qoxra tiegħu li tiksi l-wiċċ tar-ramel. Hemm ukoll pjanti bħal



*Cochicella conoidea li tinstab fuq il-munzelli tar-ramel fl-Ghadira.*

RALPH CAMILLERI



*Xewk ir-Ramel*

PANKRAZJU *Pancratium maritimum* li kapaċi jagħmlu fjuri kbar bojod li għalkemm isebbħu dawn il-munzelli tar-ramel ħafna drabi jispiċċaw maqtugħin minn nisa u tfal. Il-passi tas-saqajn tal-qanfud, il-fenek u l-ġurdien huma sinjali oħra li dawn l-annimali jgħixu ukoll hawnhekk.

Dawn il-munzelli ta' ramel huma fil-periklu li jispiċċaw minn gżiritna minħabba il-bniedem stess. Vandaliżmu ta' familji, muturi u karozzi u anki xi drabi it-tneħħija tar-ramel stess minn bulldozers, kollha jgħinu biex din in-niċċa żgħira fl-ambjent naturali Malti tispiċċa darba għal dejjem. F'dawn il-munzelli tar-ramel jinsabu varjeta' ta' annimali u pjanti li mhux biss huma interessanti imma whud minnhom jinstabu f'pajjiżna biss u imkien aktar. Hemm bżonn għalhekk li dawn il-postijiet mhux biss jiġu mħarsa mil-liġi imma mħarsa ukoll mill-vandaliżmu tal-poplu billi ngħinnuh japprezza u jħares dawn il-munzelli tar-ramel bħala parti mill-wirt naturali ta' pajjiżna.



*Passi ta' Fenek*



*Passi ta' Fenek jaqbeż*



*Passi ta' Ġurdien ta' Geddumu (Shrew)*



*Passi ta' Ġurdien u/jew ta' Farr*

# PSIEPES, DIŻŻIJIET, U BILBLUNI

*minn Charles Gauci*

Il-psiepes, id-diżżijiet, u l-bilbluni huma għasafar li jħobbu jgħixu f'postijiet fil-beraħ u ġeneralment jevitaw is-siġar. Dawn l-agħsafar kollha għandhom lewn kannella bl-istrixxi. Il-biċċa l-kbira minnhom għandhom ir-rix tal-ġnub tad-denb bojod. Fis-saqajn id-dwiefer ta' wara huma twal. L-irġiel u n-nisa għandhom l-istess kuluri u ma jintgħarfux minn xulxin. Waqt il-passa kif ukoll fix-xitwa jħobbu jinġabru fi qtajja. Fuq il-lista ta' l-agħsafar ta' Malta nsibu seba' speċi ta' dawn l-agħsafar. Għandna l-Bilblun Prim (**Richard's Pipit**) lu huwa rari, il-Bilblun (**Tawny Pipit**) li spiss narawh fi żmien il-passa, id-Diżż tal-Lvant (**Olive-backed Pipit**) li deher darba biss, id-Diżż (**Tree Pipit**) li huwa komuni ħafna fi żmien il-passa, il-Pespus (**Meadow Pipit**) li huwa l-iżjed wieħed komuni u li jkun magħna matul ix-xitwa kollha, id-Diżż l-Aħmar (**Red-throated Pipit**) li ħarawh ukoll fi żmien il-passa, u d-Diżż ta' l-Ilma (**Water/Rock Pipit**) li hu rari fil-ħarifa u fix-xitwa. Il-psiepes u d-diżżijiet kollha jixxiebħu ħafna u l-aħjar mezz ta' kif wieħed jifridhom minn xulxin hu permezz ta' l-għajta. L-aħjar ħaġa li wieħed jista' jagħmel biex igħaraf dawn l-agħsafar u jitgħallem, hu li joħroġ ma' xi ħadd li diġa jkollu l-esperjenza. Nagħtu daqqa t'għajn issa lejn dawk il-psiepes, id-diżżijiet u l-bilbluni li huma l-iżjed komuni.

IL-BILBLUN għandu tul ta' 16.5cm, jiġifieri ftit akbar minn Għammiel tal-Bejt. Fis-sura huwa mislut u mhux imbaċċaċ bħal dan ta' l-aħħar. Ipassi minn fuq il-Gżejjer Maltin bejn nofs Marzu u nofs Mejju u jerġa' jidher mill-aħħar ta' Awissu sa l-aħħar ta' Ottubru. Matul il-passa ssibu l-iżjed f'raba' bla ħaxix jew b'ħaxix baxx kif ukoll fuq il-blat. Għandu lewn kannella safrani ċar bi ftit strixxi iżjed skuri fuq id-dahar. Fuq is-sider ma għandux strixxi. Għandu għajta li tixbah kemmxejn lil tal-Bilbla.



*Bilblun*



*Diżż*

ID-DIŻŻ huwa komuni ħafna iżjed mill-Bilblun u jidher fl-istess żmien. Insibuħ ukoll f'postijiet bis-siġar (mhux folti) iżda iżjed iħobb joqgħod taħthom milli fuqhom. Għandu daqs ta' 15cm, kulur kannella minn fuq u krema safrani minn taħt. Kemm fuq id-dahar kif ukoll fuq is-sider għandu strixxi iżjed skuri. L-għajta l-iżjed komuni, li minnha jieħu ismu, hija: diżż... diżż... diżż...



*Pespus*

IL-PESPUS jixbaħ sew lid-Diżż iżda huwa kemmxejn iżgħar u għandu d-dahar iżjed ħadrani u s-sider iżjed bajdani. Għandu għajta differenti għal kollox u jiġi fi żmien differenti. Il-Pespus huwa komuni ħafna matul ix-xitwa kollha. Jasal għal nofs Ottubru u jibqa' hawn sal-bidu ta' April. Iħobb postijiet miftuħa fejn jiekol insetti u xi żrieragħ zgħar.

ID-DIŻŻ AĦMAR ipassi bejn l-aħħar ta' Marzu u nofs Mejju u jerġa' jidher bejn nofs Ottubru u Novembru. Għalkemm huwa komuni ma narawhx f'numri kbar daqs id-Diżż. Fil-Ħarifa dan l-għasfur jixbaħ ħafna lill-Pespus u li mhux għall-għajta differenti li għandu diffiċli tisseparahom. Għandu għajta tixbaħ lil tad-Diżż iżda hija ħafna irqaq. Fir-Rebbiegħa d-Diżż Aħmar ikollu l-għonq u n-naħa ta' fuq ta' sidru lewn is-sadid ċar u jkollu dehra tassew sabiħa. □



*Diżż Aħmar*



# IL-BIES

*minn Michael Grima*



Wieħed mill-agħsafar li jbejtu, jew li kienu jbejtu f'Malta u li hu rari ħafna huwa l-BIEŞ *Falco peregrinus* (Peregrine Falcon). Żgur li ftit huma dawk in-nies li raw il-Bies igħajjat lis-sieħba tiegħu waqt li jġorr il-qabda lejn il-bejta. Fl-1980 il-Bies, bħall-agħsafar tal-priża kollha, gew imħarsa bil-liġi u llum ħadd ma jista' jaqbad, joqtol, jew jiddisturba l-bejta tiegħu. Iżda madanakollu hemm dubji serji jekk il-Bies għadux ibejjet hawn Malta. La darba sa l-1982 kien ibejjet, hemm ċans tajjeb li dan l-għasfur jiżdied fin-numru f'pajjiżna jekk il-kaċċaturi ma jkomplux jeqirdu kull wieħed li jidher. Din hija x-xewqa ta' kull min iħobb il-wirt naturali ta' pajjiżna u ta' kull ċittadin onest.

Il-Bies, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara, huma ta' l-istess lewn: griż skur kaħlani fil-partijiet ta' fuq u bajdani bi strixxi mimdudin skuri minn taħt. Ir-ras hi aktar skura, bl-iswed jinżel bil-ponta 'l isfel bħal barbetti. Id-denb huwa tawwali b' b'ħafna strixxi skuri mimdudin ukoll, bl-aħħar strixxa wisgħa li tidher ħafna. Is-saqajn huma sofor, bi dwiefer kbar suwed. Il-mara tkun ftit akbar mir-raġel bħal ħafna għasafar oħra tal-priża. Dan l-għasfur irnexxielu jadatta ruħu għal ħafna ambjenti differenti għax insibuħ imferrex mad-dinja kollha. Minhabba f'hekk insibu ħafna razez differenti tal-Bies. Dak li hu komuni fl-inħawi tal-Mediterran hu l-*Falco peregrinus brookei*.

Il-Bies jagħmel il-bejta fuq xi xifer ta' xi rdum għoli ħdejn il-baħar jew fil-muntanji. F'xi pajjiżi bħall-Kanada, jew l-Awstralja, fin-naħa t'isfel ta' Spanja u f'pajjiżi oħra tat-Tundra ġie li jbejjet fl-art bejn xi xtieli jew blat żgħir. Meta jkun hemm post tajjeb għall-bejta, il il-Bies jibqa' jbejjet fiha għal bosta snin u jekk xi par imut, il-bejta ma tantx iddum biex tiġi okkupata minn xi par ieħor.

Ġeneralment il-mara tbid minn tlieta sa erba' bajdiet ħomor fil-kannella skur, b'ħafna dbabar ċari u skuri. Normalment il-bejta ssir għall-ħabta ta' Marzu u spiss jiġri li l-Bies ibejjet ftit qabel il-passa biex meta jkollu l-frieħ x'jitma' jsib ikel abbundanti provdut mill-passa kontinwa ta' l-agħsafar. M'għandux xi ikel speċjali u jattakka għasafar zgħar u kbar billi jitla' fil-għoli, jagħlaq il-ġwienaħ u jinżel qisu vleġġa fuq il-priża. Xi xjenzati jaħsbu li f'din it-titjira l-Bies jilħaq il-ħeffa ta' 300 kilometru s-siegħa. Il-bajd ifaqqas wara erba' ġimgħat u l-frieħ ikunu miksijin b'rix abjad fl-isfar. Wara xi ħames ġimgħat il-frieħ itajjru. Dawn ikunu ta' lewn kannella minn fuq u isfar fil-kannella minn taħt b'daqqiet skuri weqfin.

Il-Bies hu marbut sewwa ma' l-istorja ta' Malta. Dan li ġej jidher fil-ktieb L-AGĦSAFAR ta' J. Sultana u C. Gauci:

" ...*Minħabba l-falkunerija l-Bies kellu x'jaqsam sewwa fl-istorja ta' Malta, l-iżjed fiż-Żminijiet tan-Nofs. Minħabba li l-Bies kien meqjus minn dejjem bħala s-sultan ta' l-agħsafar, l-Imperatur Federiku II kien għażlu bħala simbolu tiegħu għax kien iridha ta' sultan tas-slaten. Fl-1240 Federiku II kien bagħat f'Malta għadd ta' falkunieri biex jagħtuh tagħrif ta' bisien slavaġġ li nqabdu f'dik is-sena. Fl-1530 l-Imperatur ta' Spanja, Karlu V, ta l-Gżejjer Maltin lill-Kavalieri ta' San Ġwann għar-renta nominali ta' żewġ bisien fis-sena. Dawn kienu jintbagħtu wieħed lill-Imperatur u l-ieħor lill-Viċi Re fi Sqallija. Fi żmien il-Gran Mastru Pinto kien jintbagħat ukoll Bies lir-Re tal-Portugall. Ta min isemmi li Bies li kellu l-Marka tar-Re ta' Franza Enriku IV kien ħarab minn Fontainebleau u nstab f'Malta wara biss erbgħa u għoxrin siegħa, vjaġġ ta' 2174 kilometru. Ir-rabta tal-Bies ma' pajjizna tidher ukoll fl-ismijiet ta' ċerti postijiet fosthom Rdum il-Bies, Għadiriet il-Bies u Għar il-Bies*...."

ERIC HOSKING

Fl-Ewropa l-Bies għandu storja ferm interessanti u dan jagħmlu għasfur importanti ħafna fil-ħajja tagħna tal-lum. Fiż-Żminijiet tan-Nofs, il-Bies, għalkemm il-falkunerija kienet fl-aqwa tagħha, ħa spinta 'l quddiem għax bosta foresti u boskijiet kienu qegħdin jonqsu u b'hekk il-wiċċ ta' l-art fejn kien jikkaċċja l-Bies kiber.

Fis-seklu tmintax (1700-1800) bosta sinjuri kienu jrabbu t-tjur biex imbagħad jikkaċċjawhom (**game keeping**). Dan kien zmien ikraħ ghall-Bies għax beda jitqies bħala għadu, bħall-agħsafar tal-priża kollha. Aktar riċenti l-Bies baqa' l-għadu ta' dawk li jrabbu l-ħamiem u bosta kienu dawk li joqtlu l-Bies malli jarawħ għax kien jattakka l-ħamiem tagħhom.

Fi żmien l-aħħar gwerra, billi l-ħamiem 'homer' kien juntuża biex iġorr il-messaġġi, il-Bies kien jinqatel ħafna iżda mbagħad wara l-gwerra reġa' beda jiżdied sakemm waslet l-akbar daqqa ta' ħarta fil-ħajja tal-Bies (u tal-bniedem) —il-pestiċidi. Il-pestiċidi kienu ilhom jintużaw iżda ħadd qabel ma kien jaf bl-effetti qerrieda ta' dawn il-kimiċi li kienu qegħdin jintużaw bl-addoċċ. Fuq studji li għamlu xjenzati sabu li l-Bies, billi kien għasfur li jaqbad il-priża ħajja, kien jieħu dawn il-pestiċidi ma' l-ikel li jiekol u b'hekk il-kwantita' ta' velenu, għalkemm ma toqtolx mill-ewwel, kienet dejjem tiżdied u twassal jew għall-mewt jew għall-iżbilanċ fil-metaboliżmu, jiġifieri l-ġisem ta' l-għasfur ma jibqax jaħdem sewwa. Barra li l-Bies beda jonqos għax imut wara li jiġbor kwantita' kbira ta' pestiċidi fl-ikel, l-aktar id-DDT, il-qoxra tal-bajd li tbid il-mara bdiet tkun irqiqa u tinkiser ma l-iċken daqqa. B'hekk l-għadd tal-Bies beda jonqos f'daqqa u kien hemm il-biża' li jinqered għal kollox. Issa jista' jerġa' jieħu r-ruħ bil-kontroll ta' l-użu tal-pestiċidi u bil-ħarsien mil-liġi.

F'Malta l-Bies għandu ambjent tajjeb fejn jista' jbejjet. Issa jiddependi minna jekk ikomplix jew le. Il-bisien kollha ibbalzmati fil-vetrini ma jistgħu qatt jikkontribwixxu biex f'pajjiżna dan l-għasfur hekk sabiħ ikompli joktor u jgħix ħieles. □

*IL-BIES fuq il-bejta f'xifer ta' rdum għoli.*



ARTHRUR CHRISTIANSEN



The Cokin Creative
Filter System
NOW OVER 180 FILTERS TO CHOOSE FROM
Sole Agent
SRS SLiEMA
RADIO STORE
70a, THE STRAND, SLIEMA TEL: 34655

# AIRMALTA

Fly Away Tours

## NOW AN EVEN WIDER CHOICE



ROME – from Lm113



MUNICH – from Lm156

Your holiday is now more accessible! Through our Flyaway Tours to five destinations, you have an even wider choice at prices you can afford.

Tours include:

* Return air passage
* Hotel accommodation
* Continental breakfast
* Sightseeing tours (except London)
* Service charges and taxes
* City information including maps.

And if you choose London, our tour also includes a shopping discount card, a four-day London Transport ticket with Heathrow transfers, a £3.00 discount voucher for a theme evening, three consecutive days of car hire free of daily charge, and an invitation to visit the Diamond Centre.

(Prices quoted are per person in twin rooms)



LONDON – from Lm138



AMSTERDAM – from Lm165



CAIRO – from Lm168

Yes! Travel is affordable! But besides making your trip affordable we can help you to make it memorable. By giving you direct flights, we can save your trip from dissolving into a kaleidoscope of train stations and crowded moments. And your holiday starts the moment you step on board our comfortable Boeings, where you are assured of the friendly and efficient service you have become accustomed to.

So take a break.
Buy an AirMalta Flyaway Tour.

For reservations: Your travel agent or AirMalta offices in Valletta, Sliema or Luqa Airport.

# IX-XAHMET

*minn Guido Bonett*



GUIDO BONETT

IX-XAĦMET
Ocellated Skink
*(Chalcides ocellatus)*

Fid-dinja hawn madwar 700 speċi ta' xaħmet li kollha nsibuhom igħixu fil-pajjiżi sħan. Fl-Ewropa nsibu ħames speċi ta' xaħmet u fortunatament wieħed minn dawn jinstab hawn Malta wkoll. L-ispeċi li nsibu hawn Malta hija magħrufa xjentifikament bħala *Chalcides ocellatus*. Bil-Malti nsibuħ bħala Xaħmet, filwaqt li bl-Ingliż huwa magħruf bħala Ocellated Skink.

Ix-Xaħmet li nsibu hawn Malta ma jinstabx hawn Malta biss iżda jinstab ukoll fis-Sardinja, fi Sqallija, f'Pantalleria, fil-Greċja, fi Kreta, fl-Afrika ta' Fuq u saħansitra f'partijiet ta' l-Afrika tal-Lbiċ.

Ix-Xaħmet li xi drabi jikber sa 30cm tul, għandu qoxra tleqq u huwa tawwali, kulur kannella ċar jew anke jagħti fil-griż, bi dbabar tondi qishom għajnejn b'burdura aktar skura madwarhom. Ix-Xaħmet insibuħ igħix f'diversi tipi ta' ambjent. Huwa jħobb postijiet imramla, bħal 'sand dunes'. Madanakollu, ix-Xaħmet jinstab ukoll fix-xagħri u fl-egħlieqi, speċjalment fix-xquq fil-ħitan tas-sejjieħ, toqob fl-art u anke taħt il-ġebel u l-blat.

Wieħed jista' jiltaqa' max-Xaħmet matul il-ġurnata meta jkun jixxemmex speċjalment fil-għodu kmieni, jew inkella wara nofs in-nhar. Peress illi x-xaħmet huwa daqsxejn imgerrex, dan mill-ewwel jidħol jiġri fil-moħba tiegħu meta jiġi avviċinat u meta jinħasad dlonk jitlaq jiġri ħafif, ħafif. L-ikel tax-xaħmet jikkonsisti f'insetti li jaqbad u li jistgħu jvarjaw minn nemla daqsxejn kbira sa ġurat imdaqqas. Iż-żgħar tax-xaħmet jitwieldu ħajjin fir-rebbiegħa u kull xaħmet jista' jkollu bejn 3 sa 10 frieħ. Iż-żgħar sa minn twelidhom ikunu jixbħu eżatt lill-kbar, u kif jitwieldu jerħulha jfendu għal-rashom.

Bħal bosta ħlejjaq li jgħixu fis-selvaġġ hawn Malta, ix-Xaħmet ukoll isofri minn nuqqas ta' apprezzament. Mhijiex ħaġa rari li tara tfal jippruvaw jaqbdu ix-Xaħmet jew jitfgħulu l-ġebel għal xejn b'xejn. Barra minn hekk dawn ir-rettili, bħal ħafna ħlejjaq oħra hawn Malta, huma persegwitati min-nuqqas ta' ambjent naturali li qiegħed dejjem jonqos. Dan diġa kellu effett fuq il-popolazzjoni lokali tax-Xaħmet, imma s'issa fortunatament ix-Xaħmet għadu mhuwiex la rari u lanqas fil-periklu li jinqered. Iżda dan ma jfissirx li ma għandniex responsabbilta' li naraw li dan ma jiġrix u għandna noqogħdu attenti ħafna minn issa u mhux meta jkun tard wisq. □



*Il-marki tax-Xahmet fir-ramel*



AN MOS PUBLICATION
PO BOX 498 VALLETTA, MA